**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 5 ta' Lulju, 2017

Rikors Nru : 103/16 AL

**A B**

***vs***

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi l-partijiet izzewwgu fil- 14 ta' Dicembru, 1989 u dan kif jirrizulta wkoll mic-certifikat taz-zwieg taghhom (Dok A) u minn dan iz-zwieg tfal minuri ma hemmx ghax kollha lahqu l-eta` maggorenni.

2. Illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal aktar minn erba' snin. Ir-raguni principali tat-tkissir taz-zwieg kien il-vizzju tax-xorb tal-konvenut u li ma riedx jahdem, u da parti taghha sussegwentment ifformat relazzjoni gdida.

3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra kienu bdew proceduri ta' medjazzjoni f'April, 2011, u l-attrici kienet diga ilha li telqet xi sena.

4. Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju stante li l-minuri huma maggorenni, u l-partijiet ilhom li ftehmu li d-dar konjugali tibqa' ghar-ragel, bid-drittijiet u l-obbligi, u ma hemm l-ebda komnunjoni tal-akkwisti x'tinqasam.

5. Illi l-partijiet stante li ma kienx hemm separazzjoni legali bejniethom kellhom jaghmlu l-procedura tal-medjazzjoni, u l-konvenut ma riedx jikkopera.

6. Il-medjazzjoni relativa ggib in-numru 169/16 u nghalqet bid-digriet 1023/16 fil-25 ta' April 2016.(Kopja annessa).

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta.

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(1) tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet; u
(2) tawtorizzaha li tirriverti ghal kunjom xbubitha "S";
(3) Tittermina l-komunjoni tal-akkwisti, u tillikwida l-istess billi tassenja s-sehem tal-attrici tad-dar konjugali Binja tal-Wejter, Flat 8, Triq Mannarino, B'Kara, bid-dejn li jiggravaha fl-akkwist taghha, lill-konvenut ghas-saldu tal-pretenzjonijiet kollha tieghu, u tillibera lill-kontendenti minn kull dritt ta' manteniment, u ta'successjoni.
(4) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bix-xoljiment taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat[1], ma ppreżentax risposta ġuramentata u għalhekk huwa kontumaċi; Rat illi minkejja li wera l-intenzjoni[2] li jippreżenta rikors sabiex jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu, dana m'għamlux;

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Semgħet lill-attriċi tixhed;

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża ta' divorzju bejn il-partijiet konjuġi B.

Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tiegħu l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna. Hija titlob li l-Qorti:

- Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ;
- Tawtorizza lill-attriċi tirriverti għal kunjom xbubitha "S";
- Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tal-Artikoli 48 sa 52 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Tittermina l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet; tillikwidaha u tassenjaha;

Il-Qorti tibda billi tirrileva illi l-provi f'din il-kawża kienu mill-iktar skarsi u skjetti iżda il-Qorti ma tistax għajr tgħaddi għall-konsiderazzjonjiet u l-ġudizzju tagħha fuq dak li huwa fil-proċess.

[1] Fit-8 ta' Frar 2017, Riferta relattiva fol. 12
[2] Udjenza tat- 2 ta' Marzu 2017, fol. 14

Il-fatti, f'din il-kawża, qed jiġu kkompilati mill-unika prova miġjuba, u cioe` d-deposizzjoni tal-attriċi fl-udjenza tal-24 ta' Mejju 2017[3] fejn fil-qosor hija xehdet:

1. Il-partijiet iżżewġu fl-14 ta' Diċembru 1989 fil-Knisja Parrokkjali ta' San Gejtanu, l-Ħamrun[4];

2. Miż-żwieġ twieldu erbat'itfal li llum huma lkoll maġġorenni: tewmin ta' ħamsa u għoxrin sena (25) sena, tifel ta' tnejn u għoxrin (22) sena u tifla ta' wieħed u għoxrin (21) sena;

3. Iż-żwieġ tkisser irrimedjabilment minħabba li l-konvenut kellu problema ta' xorb eċċessiv u ma riedx jaħdem; Fil-bidu kien jaħdem iżda mbagħad ma ried jaf b'xejn. Qabad jirreġistra u malli jaqbad iċ-ċekk, imur jonfoqhom fix-xorb u jilgħabhom.

4. Min-naħa tagħha l-attriċi, kienet bdiet tgħin xi sorijiet billi ssajrilhom u kienet tgħix u tgħajjex lil uliedha kif tista', anke bl-għajnuna tal-pensjoni ta' missierha.

5. Il-konvenut kien jgħidilhom biex jitilqu 'l barra mid-dar matrimonjali għax dik kienet daru. Id-dar matrimonjali fl-indirizz Binja tal-Wejter, Block B, Flat 8, Triq Mannarino, Birkirkara, pero` kienet inxtrat fiż-żwieġ;

6. Kien jidħol fid-dar xurban u jibda jkisser u għalhekk l-attriċi ddejjqet, sabet post ieħor bil-kera u telqet mid-dar matrimonjali flimkien m'uliedha. Dan kien fis-sena 2010 u minn dakinhar sal-lum, il-partijiet qatt ma rrikonċiljaw;

7. Il-konvenut ma kienx jgħaddilha manteniment u għalhekk hija kienet tgħix kif tista' b'ħafna għajnuna mingħand missierha;

---

[3] Fol. 16 tal-proċess

[4] Dana jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ relattiv li jinsab esebit fol. 4

8. Illi għalhekk il-partijiet ilhom *de facto* mifrudin għal seba' snin u nofs u cioe mis-sena 2010 meta l-attriċi telqet mid-dar matrimonjali;

9. L-attriċi sussegwentement ifformat relazzjoni ġdida;

10. Il-partijiet ftehmu verbalment illi l-konvenut jiġi assenjat id-dar matrimonjali flimkien mad-dejn li hemm jaggravaha; Minkejja dan il-ftehim verbali, medjazzjoni bejniethom ma seħħitx u l-attriċi intavolat il-proċeduri odjerni;

## 1. Dwar it-talba għall-pronunzjament tad-divorzju

Biex tintlaqa' talba għall-pronunzjament ta' divorzju, l-Qorti trid tkun sodisfatta li:
(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u
(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u
(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57.[5]

L-attriċi tallega, u m'hijiex kontradetta, li hija telqet mid-dar matrimonjali fl-2010. Wara dik id-data, il-partijiet qatt ma reġgħu irrikonċiljaw u baqgħu jgħixu separatament sal-preżenti. Fil-fatt, l-attriċi llum għandha s-sieħeb tagħha u l-konvenut ukoll jgħix ħajja ndipendenti minn martu.

Għaldaqstant, il-provi mressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B, ġja ċċitat, għall-ksib tad-divorzju u dana stante illi, oltre li l-partijiet ilhom *de facto* separati għal iktar minn seba' snin, m'hemm

[5] Rekwiżiti mposti mill-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili.

l-ebda prospett raġjonevoli għar- rikonċiljazzjoni tagħhom; Jirriżulta wkoll li m'hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment stante li l-attriċi m'hijiex titlob ebda forma ta' manteniment għaliha fil-kawża odjerna;

## 2. Dwar it-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti

Fl-ewwel lok, bis-saħħa tal-preżenti l-Qorti tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet konjuġi B li b'hekk qegħdin jirriakkwistaw id-dritt li jagħmlu l-atti kollha tal-ħajja ċivili mingħajr il-bżonn tal-kunsens jew tal-intervent tal-parti l-oħra u/jew tal-Qorti. Inoltre minn issa 'l quddiem:

a. Kull akkwist magħmul minn kull wieħed mill-partijiet ikun il-pjena u assoluta proprjeta` tal-parti li tkun għamlitu.
b. Kull debitu jew obbligazzjoni oħra jkun a karigu esklussiv u jitħallas minn dik il-parti li tkun ikkuntrattatu.

Rigward il-konsistenza tal-istess komunjoni tal-akkwisti, ma nġiebux wisq provi iżda l-attriċi ssostni li din tikkonsisti fid-dar matrimonjali u d-dejn illi jaggrava l-istess dar. Tgħid li l-partijiet laħqu ftehim verbali li sija d-dar u sija d-dejn jiġu assenjati lill-konvenut. Dan m'huwiex kontradett bl-ebda mod u għalhekk il-Qorti ma tarax għalfejn m'għandhiex tilqa' t-talba attriċi f'dan ir-rigward u tassenja d-dar matrimonjali u cioe il-fond Binja tal-Wejter, Block B, Flat 8, Triq Mannarino, Birkirkara, interament u esklussivament lill-konvenut, li qed jiġi wkoll assenjat kwalsiasi debitu marbut mal-istess dar inkluż kwalsiasi debitu relatat mas-servizz tad-dawl u l-ilma tal-istess dar.

A skans ta' kull ekwivoku, l-istess fond, mil-lum m'għandux jitqies iktar bħala d-dar matrimonjali bejn il-partijiet.

## 3. Dwar l-applikazzjoni tad-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 sa 52

Permezz tat-tielet talba tagħha, l-attriċi talbet ukoll illi dina l-Onorabbli Qorti *"tillbera lill-kontendenti minn kull dritt ta' manteniment u ta' suċċessjoni"*. Illi dana jista' jseħħ billi l-Qorti tapplika fil-konfront tal-partijiet "kontendenti" l-effetti kollha jew *in parte* tal-Artikoli 48 et seq. tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi provi rigward il-ħtija tat-tkissir taż-żwieġ ma nġiebux. L-attriċi tallega diversi tortijiet lill-konvenut iżda bl-ebda mod ma ġabet provi sodisfaċenti sabiex fil-moħħ tal-ġudikant ikun hemm iċ-ċertezza morali li għab-bażi tal-ħtijiet ta-konvenut għandhom ikunu applikati fil-konfront tiegħu id-dekadenzi komminati fl-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

L-Artikolu 48 jistipula: ***48. (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -***
***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827[6];***
***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***
***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;***
***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.***

Iżda l-Qorti għandha l-fakolta` illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 52 tal-Kodiċi Ċivili, tapplika l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 fil-

[6] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

konfront tal-partijiet jew min minnhom meta ż-żewġ partijiet ikunu ħatja tal-firda. L-Artikolu 52 jistipula:

***52. Hu mħolli wkoll f'idejn il-qorti li tiddeċidi, skont iċ-ċirkostanzi, jekk id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 għandhomx igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għall-oħra biss, inkella, m'għandhomx igħoddu għal ħadd minnhom, jekk il-wieħed u l-oħra jkunu ħtija ta' egħmil li jagħti lok għall-firda.***

Kif ingħad, fil-każ odjern m'hemmx provi konkreti dwar il-ħtijiet għat-tkissir taż-żwieġ. Hemm biss indizji li l-konvenut wettaq sevizzi u nġurji gravi fil-konfront ta' martu, u ndizji oħra li jindikaw li l-attriċi wettqet l-adulterju fil-konfront ta' żewġha.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, fejn il-partijiet ilhom *de facto* sseparati minn xulxin għal numru ta' snin u llum bnew ħajjithom indipendentement minn xulxin, mingħajr ma tattribwixxi tortijiet esklussivi lil xi wieħed mill-partijiet, il-Qorti hija disposta li tuża l-fakolta' mogħtija lilha mill-Artikolu 52, u tapplika d-dekadenzi kollha stipulati fl-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront taż-żewġ partijiet.

### 4. Dwar kunjom l-attriċi

L-attriċi titlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha u cioe "S". M'hemm l-ebda oġġezzjoni għal dan u m'hemm lanqas ebda raġuni valida fil-liġi għalfejn din it-talba m'għandhiex tintlaqa'. Għaldaqstant, il-Qorti qed tgħaddi sabiex tilqa' din it-talba ai termini tal-Artikolu 62(1) tal-Kodiċi Ċivili u tawtorizza lill-attriċi tassumi l-kunjom S.

## DEĊIDE

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża**,** billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet konjuġi B;

[2] Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti billi tawtorizzaha tirriverti għal kunjom xbubitha "S";

[3] Tilqa' it-tielet talba tar-rikorrenti billi:

- tiddikjara xolta, b'effett mill-preżenti, l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet konjuġi B;
- tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti u tassenja interament u esklussivament lill-konvenut il-fond ġja d-dar matrimonjali u cioe il-fond Binja tal-Wejter, Block B, Flat 8, Triq Mannarino, Birkirkara, u wkoll kwalsiasi debitu marbut mal-istess dar inkluż kwalsiasi debitu relatat mas-servizz tad-dawl u l-ilma tal-fond.
- bl-applikazzjoni tal-Artikolu 52 tal-Kodiċi Ċivili, tapplika kontra ż-żewġ partijiet l-effetti kollha tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

[4] Tilqa' r-raba' talba tar-rikorrenti billi tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex fi żmien xahar mill-preżenti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dwar il-kap tal-ispejjeż, dawna jkunu sopportati b'mod ugwali mill-partijiet.